MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 26/2014

AB

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

ILLI l-partijiet iżżewwġu fis-sebgħa ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (07.12.1993) kif jirriżulta minn kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A';

ILLI minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom tifla, RB, li twieldet fis-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa mija u ħamsa u disgħin (26.01.1995) u dunque maġġorenni;

ILLI l-kontendenti nfridu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Mario Buġeja datat tlieta ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (03.10.2005) u dan kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni (vide dokument anness u mmarkat bħala 'Dok. B');

ILLI l-kontendenti ilħom snin twal separati u kull parti kienet u għadha ssegwi ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin u perċio' fiċ-ċirkostanzi prevalenti m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom;

ILLI a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni *de quo* r-Raġel irrinunzja għall-manteniment mingħand il-Mara, filwaqt li r-Raġel iħallas bħala manteniment lill-Mara s-somma ta' ħames liri maltin (Lm5) ekwivalenti għal ħdax –il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) u kif ukoll jħallas manteniment għall-minuri u fil-fatt l-intimat dejjem ħallas dan il-manteniment u qatt ma kien hemm xi problema dwar inadempjenza f'dan ir-rigward;

ILLI l-esponenti trid illi mal-ħall taż-żwieġ tagħha, twaqqa' il-kunjom ta' miżżewwġa u cioe' '**B**' u tirreverti għal kunjom xbubitha ossija 'X';

ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66A *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

1. Tawtorizza lill-esponenti tirreverti għal kunjom xbubitha, ossija 'X';

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fit-terminu mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u kif ukoll bil-bdil tal-kunjom tal-esponenti sabiex tali jiġu reġistrati fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2014;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Ottubru 2005;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi il-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha ossija 'X', tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu hsieb jikkorregi kunjom ir-rikorrenti minn '**B**' ghal 'X';

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha ossija 'X' u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------